MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2011

Talba Numru. 1016/2010

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**
**vs**
**Marlon Parnis (K.I. 012277M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas t'erba' mija erbgha u hamsin ewro u tmienja u erbghin centezmi (€454.48) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta' attrici skont *Client Contract Number* 420950 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici skont diversi kontijiet mibghuta lilu u dana fix-xhur ta' bejn is-sena 2007 u s-sena 2009.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-2 ta' Dicembru, 2009 dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat konteswalment ma' dan l-att u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax ir-risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fil-15 ta’ Dicembru, 2010 mill-Prokuratur Legali Peter Paul Sammut u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l-konvenut naqas milli jikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------